MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Numru 237/2006

Il-Pulizija
(Sp Raymond Aquilina u
Sp Paul Caruana)
vs
Omissis

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' april, 2005, u fix-xhur ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda –
Bħala ċittadin jew residenti permanenti f'Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kellu fil-pussess tiegħu ritratt, film, vieo recording jew xbieha elettronika ndeċenti bħal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi wħud minn dawn ir-ritratti, films, video recordings jew xbiehat

elettroniċi ndeċenti juru persuni taħt l-eta’ li ma jkunx għalqu d-disa’ snin.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ marzu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu iżda ma ssibux ħati tal-aggravju. Rat l-artikolu 208A(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta’ sena mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitejn lira maltin (Lm200). Tordna d-distruzzjoni tal-‘hard disk’ eżebit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------